MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2003

Rikors Numru. 1600/2001/1

**RS2 International (Malta) Limited**

**vs**

**Kontrollur tad-Dwana**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Rat ir-rikors tas-socjeta' rikorrenti a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi b'ittra ufficjali tal-14 ta' Settembru 2001 minghand l-intimat, il-Kontrollur tad-Dwana, li giet notifikata lill-esponenti fis-17 ta' Settembru 2001, l-esponenti giet interpellata thallas is-somma ta' sbatax-il elf u erbgha u sittin liri Maltin (Lm17,064) allegatament dovuti bhala dazju, *levy*, u VAT fuq importazzjoni ta' *computers* u

accessorji u ghamara li sehhet bejn l-1993 u l-1999, skond skeda li giet annessa ma' l-istess ittra;

Illi l-attur qed jopponi ruhu ghall-hlas tal-fuq imsemmi ammont u dana *ai termini* tal-**artikolu 466 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12);**

Illi l-ammont reklamat mill-intimat mhuwiex dovut mill-esponenti u dana ghas-segwenti ragunijiet u cjoe':- *in linea preliminari* s-*status* tal-kumpanija esponenti fil-perjodu ndikat mill-intimat fl-ittra ufficjali tieghu, kienet tali li jippermetti l-importazzjoni ta' oggetti ghall-uzu proprju taghha minghajr ma thallas dazju, jew VAT fuqhom; illi sussidjarjament u bla pregudizzju ghall-premess l-importazzjoni tal-oggetti in kwistjoni saru minn persuna jew persuni li ma kienux la awtorizzati jirrapprezentaw lis-socjeta' attrici, u anzi saru b'mod frawdolenti minghajr il-konoxxenza, u ghad-detriment, ta' l-istess kumpanija;

Ghaldaqstant, l-esponent jitlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara t-talba tal-intimat kif dedotta fl-imsemmija ittra ufficjali tal-14 ta' Settembru 2001, bhala nfondata, u dan ghar-ragunijiet premessi.

Bl-ispejjez kontra l-intimat.

Rat ir-risposta tal-Kontrollur tad-Dwana a fol. 93 tal-process fejn irrisponda :-

Illi fl-ewwel lok, l-esponent fit-talba tieghu permezz tal-ittra ufficjali datata 14 ta' Settembru 2001 agixxa fil-mertu *ai termini* tal-**artikolu 33 (2) tal-Kap 330**, u ghalhekk it-talba tieghu tieghu kontra r-rikorrent ghall-hlas ta' dazju, *levy*, u VAT hija gustifikata u skond il-ligi.

Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, id-dokumenti pprezentati lill-esponent ghall-importazzjoni tal-merkanzija in kwistjoni kienu kollha jgibu l-isem tas-socjeta' RS 2 International (Malta) Limited, u dan kif se jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kaz. L-esponenti ma tidholx fi kwistjoni ta' min ghandu r-rapprezentanza tal-kumpanija u ghalhekk it-tieni argument tar-rikorrent huwa kwistjoni

bejn terzi u *estranea* ghall-esponent u t-talba tieghu fl-ittra ufficjali.

Illi ghalkemm iz-zewg argumenti tar-rikorrent huma minghajr pregudizzju ghal xulxin, l-esponent jixtieq jirrileva li dawn jipprezentaw cirkustanzi kontradittorji ghal xulxin, peress li s-socjeta’ rikorrenti ghal zmien twil gawdiet minn ezenzjoni mit-taxxi fl-importazzjoni minhabba l-istatus taghha, u dan minghajr ma qatt qajmet il-kwistjoni li l-importazzjoni saret minn persuna mhux awtorizzata. Kien biss meta l-esponent ghamel it-talba tieghu ghall-hlas ta’ taxxi, li tqajmet din il-kwistjoni.

Illi fi kwalunkwe kaz, id-dritt tal-esponent ghall-hlas ta’ taxxi kif dedott fl-ittra ufficjali tal-14 ta’ Settembru 2001 huwa skond il-ligi u ghalhekk l-esponent ghandu kull dritt jivvantah.

Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet tas-socjeta’ rikorrenti u tiddikjara li l-esponent kiseb titolu ezekuttiv permezz tal-ittra ufficjali tal-14 ta’ Settembru 2001, u dan bl-ispejjez u bl-imghax kontra r-rikorrenti.

Salv eccezzjonijiet ohra jekk ikun il-kaz.

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta’ Ottubru 2001 fejn xehdet Lorraine Mifsud. Dr Ivan Gatt iddikjara li f’dan l-istadju ddikjara li m’ghandux provi aktar hlief li jesebixxi kopja tal-ittra ufficjali ndikata fir-rikors;

Rat in-nota tar-rikorrenti;

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta’ Novembru 2001 u tal-21 ta’ Marzu 2002.

Rat in-nota tal-Kontrollur tad-Dwana li permezz taghha ezebixxa l-affidavits ta’ Saviour Grima u George Agius.

Rat il-verbali tas-seduti tat-13 ta’ Gunju 2002 fejn Dr. Gatt talab li jaghmel nota t’osservazzjonijiet. Il-Qorti laqghet it-talba u pprefiggiet terminu ta’ erbghin (40) gurnata lis-

socjeta' attrici biex tipprezenta n-nota ta' osservazzjonijiet bil-visto/notifika lid-difensur tal-kontro-parti li jkollhom erbghin (40) gurnata biex jirrispondu. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta' Jannar 2003; tat-30 ta' Jannar 2003 u tat-30 ta' April 2003 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta' Ottubru 2003.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. IL-VERTENZA ODJERNA.

Illi l-Kontrollur tad-Dwana baghat ittra ufficjali lis-socjeta' rikorrenti datata 14 ta' Settembru 2001 fejn *ai termini* tal-**artikolu 33 (2) tal-Kap. 330** interpellaha biex thallas is-somma ta' Lm17,064 allegatament dovuti bhala dazju, *levy* u VAT fuq importazzjoni ta' *computers* u accessorji u ghamara li sehhet bejn l-1993 u l-1999.

Illi s-socjeta' rikorrenti permezz tar-rikors odjern qed topponi ruhha ghall-hlas ta' l-ammont imsemmi *ai termini* ta' l-**artikolu 466 tal-Kap. 12.** Hija qed issostni li l-ammont mhux dovut minnha ghar-ragunijiet segwenti:-

(i) Preliminarjament l-istatus tal-kumpanija fil-perjodu ndikat fl-ittra ufficjali kienet tali li jippermetti l-importazzjoni ta' oggetti ghall-uzu proprju taghha minghajr ma thallas dazju jew VAT fuqhom.

(ii) Sussidjarjament u bla pregudizzju, l-importazzjoni tal-oggetti in kwistjoni saru minn persuna jew persuni li ma kienux la awtorizzati li jirrapprezentaw lis-socjeta' attrici, u anzi saru b'mod frawdolenti minghajr il-konoxxenza u ghad-detriment taghha.

Illi l-intimat Kontrollur tad-Dwana rrisponda li fl-ewwel lok fl-ittra ufficjali datata 14 ta' Settembru 2001 huwa kien qed jagixxi fil-mertu *ai termini* tal-**artikolu 33 (2) tal-Kap. 330** u kwindi t-talba tieghu hi gustifikata.

Illi minghajr pregudizzju sostna li hu ma jidholx fi kwistjoni ta' min ghandu r-rapprezentanza tal-kumpanija *stante* li d-dokumenti pprezentati lilu ghall-importazzjoni tal-merkanzija in kwistjoni kienu kollha jgibu l-isem tas-socjeta' RS2 International (Malta) Limited.

Illi *inoltre* kompliet li ghalkemm iz-zewg argumenti tas-socjeta' rikorrenti huma minghajr pregudizzju ghal xulxin il-Kontrollur tad-Dwana rrileva li dawn jipprezentaw cirkostanzi kontradittorji ghal xulxin peress li s-socjeta' rikorrenti ghal zmien twil gawdiet minn ezenzjoni mit-taxxi fl-importazzjoni minhabba l-istatus taghha, u dan minghajr ma qatt qajmet il-kwistjoni li l-importazzjoni saret minn persuna mhux awtorizzata. Kien biss meta saret it-talba ghall-hlas ta' taxxi li tqajmet din il-kwistjoni.

## <u>III. PROVI PRODOTTI.</u>

Illi **Lorraine Mifsud**, rapprezentanta tal-M.F.S.C., xehdet li s-socjeta' rikorrenti kienet registrata fil-5 ta' April 1993 bhala *offshore company.* Illi bejn is-snin 1993 u 1999 kienet registrata bhala *"General Trading Offshore Company".* Fis-7 ta' Frar 2000 il-kumpanija giet konvertita ghal *"International Trading Company".* Din il-bidla kienet imposta mill-ligi. Fl-1993 ma kienx hemm klawsola li tghid li ried ikun hemm xi hadd li jirraprezentaha. Imbaghad fl-4 ta' April 2001 inbidlet fis-sens li kull direttur ghandu dik il-fakolta'.

Illi **Saviour Grima** li jahdem fl-*Industries Section* tad-Dipartiment tad-Dwana xehed li fit-22 ta' Mejju 2000 il-Malta Financial Services Centre baghtu ittra lill-Kontrollur tad-Dwana fejn infurmawhom li l-kumpanija *offshore* RS/2 International Limited kienet konvertita ghal *onshore company* fis-7 ta' Frar 2000 (*vide* Dok. "SG 1" a fol. 108 tal-process). Illi gew infurmati li n-*nominee company* kienet Abacus Nominee Limited. Flimkien ma' din l-ittra ntbaghtu diversi dokumenti li juru li l-kumpanija RS/2 bhala *offshore company* ma' kull importazzjoni kienet tapplika biex tgawdi minn ezenzjoni fit-taxxi ta' mporazzjoni (*vide* Dok "SG2" a fol. 109 tal-process).

Illi d-dipartiment beda jaghmel ir-ricerka tieghu biex isib l-importazzjonijiet kollha li kienet ghamlet il-kumpanija. Dan ghaliex skond il-ligi tal-kumpaniji *offshore,* ezenzjoni mit-taxxi ta' mportazzjoni tista' titgawda biss sakemm il-kumpanija tkun *offshore company.* Hekk kif dan l-istatus jinbidel, it-taxxi jsiru dovuti b'effett mid-data meta l-kumpanija tkun tilfet dak l-istatus, u bit-taxxi vigenti daknhar tal-bidla fl-istatus. Il-valur tal-oggetti jkun imnaqqas skond metodu specifiku ta' *depreciation.*

Illi minn din ir-ricerka rrizulta li bejn Awissu 1993 u Marzu 1999, il-kumpanija RS/2 kienet impurtat l-aktar ghamara u computers. L-importazzjonijiet kollha li kienu ezentati kienu kollha ta' merkanzija ghall-uzu taghha. Id-Dwana b'hekk hadmet kemm taxxa kienet dovuta u dan gie spjegat fl-affidavit tieghu. Fis-16 t'Ottubru 2000 ix-xhud baghat ittra lil Abacus Limited li fiha nfurmahom kemm kienet it-taxxa dovuta (Dok "SG3" a fol. 112 tal-process). Il-*file* mbaghad ghadda ghand it-Taqsima Frodi ghal aktar investigazzjonijiet.

Illi mbaghad George Agius ufficjal minn dik it-Taqsima jaraw id-dokumenti. Marru jkellmuh fl-10 ta' Jannar 2001 u kien hemm prezenti Godfrey Leone Ganado minn Price Waterhouse Coopers, u Mario Schembri tal-RS/2 International. Huma raw id-dokumenti. Qalulu li d-*depreciated values* tal-computers kienu gholjin. L-ghada Godfrey Leone Ganado baghtlu ittra fejn talbu kopja tad-dokumenti. Fl-14 ta' Frar 2001 ix-xhud baghtlu ittra bil-kalkolu originali u li s-somma dovuta kienet sbatax-il elf u erbgha u sittin lira Maltin (Lm17,064) (*vide* Dok "SG4" a fol. 114 tal-process). Wara li ghadda xahar u l-kumpanija ma resqitx biex thallas, irrefera l-*file* lit-Taqsima Frodi biex ikomplu bil-kuntatt huma.

Illi fl-10 ta' Lulju 2001 saret laqgha fil-prezenza tieghu, ta' Mario Schembri ghall-RS/2 u ta' George Agius. Dakinhar Mario Schembri kkonferma li l-firem li kienu jidhru fuq id-dokumenti kienu ta' mpjegat tal-kumpanija li dak iz-zmien ma kienx ghadu jahdem maghhom. Kellu jiehu parir legali. Min-naha taghhom infurmawh li skond id-dokumenti li kellhom f'idejhom l-importazzjonijiet saru fuq isem il-

kumpanija u ghalhekk il-flus huma dovuti minnha. Il-*quantum* tas-somma ma kienx kontestat. Wara li rrefera l-*file* hu ma dahalx aktar fil-kwistjoni.

Illi **George Agius** hu mpjegat bhala ufficjal fit-Taqsima Frodi tad-Dipartiment tad-Dwana. F'Dicembru 2000 hu rcieva l-*file* tal-kumpanija RS/2 International Malta Limited fejn kellu struzzjonijiet biex jaghmel kuntatt mal-kumpanija. Kellhom jigbru minghandha somma dovuta bhala taxxi ta' mportazzjoni peress li din il-kumpanija kienet bidlet l-istatus taghha minn *offshore* ghal *onshore company.* Huwa baghat ittra datata 4 ta' Jannar 2001 lil Dr. Stanley Portelli ta' Abacus (Nominee) Limited rigward il-kwistjoni peress li kellhom informazzjoni mill-Malta Financial Services Centre li din kienet in-*nominee company* ta' RS/2.

Illi l-Abacus infurmawh li kellu jkellem lil Godfrey Leone Ganado li kien inkarigat mill-kwistjoni. Dan informa lix-xhud li l-korrispondenza li rcieva kien ghaddiha lil Mario Schembri General Manager tal-RS/2 International Malta Limited. Fit-8 ta' Mejju 2001 l-RS/2 talbu appuntament ghat-23 ta' Mejju 2001 u l-laqgha saret bejn ix-xhud u Mario Schembri li nfurmah li kienu ghadhom qed jistudjaw l-affarijiet u kienu qed jippruvaw jaslu fi ftehim mal-partijiet kollha koncernati biex isir il-hlas dovut. Fl-10 ta' Lulju 2001 Mario Schembri kellu laqgha ohra max-xhud u ma' Saviour Grima fejn infurmahom li l-firem li kienu jidhru fuq id-dokumenti ta' mportazzjoni kienu ta' ex impjegat tal-kumpanija u li kien qed jiehu parir legali rigward il-kwistjoni. Hu qalilhom li kellu jikteb lid-dipartiment biex jidhol f'arrangament ghall-hlas. Lejn l-ahhar ta' Lulju x-xhud iddecieda li ladarba l-RS/2 ma kitbitx l-ittra u lanqas resqet ghall-hlas kien wasal iz-zmien li jiehdu passi legali.

## IV. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi m'hemm l-ebda kontestazzjoni u rrizulta anke mid-dokumenti esebiti mir-rapprezentanta tal-Malta Financial Services Centre li RS/2 International (Malta) Limited giet registrata fil-5 ta' April 1993 bhala *"General Trading Offshore Company".* Illi sussegwentement sabiex

tottempera ruhha mal-ligi s-socjeta' giet konvertita ghal *"International Trading Company"* u din fis-7 ta' Frar 2000.

Illi l-kontestazzjoni tikkonsisti fis-segwenti u cjoe' li bhala *offshore company* is-socjeta' rikorrenti kienet tgawdi minn certu ezenzjonijiet u dan fis-sens li l-istatus tal-kumpanija fiz-zmien imsemmi fl-ittra ufficjali tal-Kontrollur tad-Dwana bejn l-1993 u l-1999 kien jippermetti l-importazzjoni ta' oggetti ghall-uzu proprju taghha minghajr ma thallas dazju jew VAT fuqhom.

Illi fl-affidavit tieghu **Saviour Grima** spjega u elenka kemm taxxa kienet dovuta fuq id-*depreciated values* tal-importazzjonijiet li kienu saru. Huwa qal li bejn Awissu 1993 u Marzu 1999 il-kumpanija kienet impurtat l-aktar ghamara u *computers* li kienu ezentati peress li kienu jikkonsistu f'merkanzija ghall-uzu tal-istess socjeta' nnifisha.

Illi pero' l-intimat isostni li din l-ezenzjoni mit-taxxi ta' mportazzjoni setghet titgawda biss sakemm il-kumpanija tkun *offshore.* Kif jinbidel l-istatus tal-istess socjeta' t-taxxi jsiru dovuti b'effett mid-data meta l-kumpanija tkun tilfet dak l-istatus, u bit-taxxi vigenti dakinhar tal-bidla. Il-valur tal-oggetti jkun imnaqqas skond metodu specifiku ta' *depreciation.*

Illi min-naha taghha s-socjeta' rikorrenti tikkondendi li peress li hija kienet ezenti minn tali hlasijiet meta mpurtat l-oggetti in kwistjoni allura meta saret il-bidla fl-istatus m'ghandu jkun hemm ebda taxxa dovuta. Kwindi wara li l-Kontrollur tad-Dwana agixxa abbazi ta' l-**artikolu 466 tal-Kap. 12,** is-socjeta' rikorrenti abbazi ta' l-istess artikolu qed topponi ruhha ghall-hlas tal-ammont imsemmi.

Illi l-intimat Kontrollur tad-Dwana semma li fit-talba tieghu permezz tal-ittra ufficjali datata 14 ta' Settembru 2001 kien qed jagixxi *ai termini* tal-**artikolu 33 (2) tal-Kap 330.** Dan l-artikolu kien ighid :-

*"Ghamara, taghmir u materjal iehor mehtieg minn kumpannija offshore w impurtat f'Malta ghall-uzu u ghall-*

*iskop taghha nnifisha, u oggetti personali wzati ta' xi ufficjal jew impjegat tal-kumpannija, mhux residenti f'Malta, impurtati f'Malta mhux aktar tard minn sitt xhur minn meta tkun ittiehdet residenza f'Malta, jistghu jigu hekk impurtati minghajr il-hlas tad-dwana.*

*Izda dak id-dazju ghandu jithallas fuq kull haga li tigi mpurtata minghajr il-hlas tad-dazju taht dan is-sub-artikolu jekk u meta dik il-haga tinbiegh, tigi assenjata jew mod iehor tigi trasferita lil persuna residenti f'Malta".*

Illi dan l-artikolu llum il-gurnata ma jinstabx fil-**Kap 330** per se' pero' xorta wahda ghadu *in vigore.* Infatti fl-**Att Nru XIII ta' l-1994** li biddel konsiderevolment l-**Att 330** hemm referenza ghall-**artikolu 33** fid-dispozizzjonijiet tranzitorji ghal kumpanniji *offshore.* Infatti fl-**artikolu 58 (4)** insibu elenkati diversi artikoli tal-**Kap 330** fosthom l-**artikolu 33** u jipprovdi li dawn l-artikoli elenkati *"ghandhom itemmu milli jibqghu japplikaw gheluq l-ghaxar snin mid-data relevanti."*

Illi d-*"data rilevanti"* hija d-data kif kellha tkun stabbilita mill-Ministru responsabbli ghall-finanzi b'avviz fil-Gazzetta Gvern. Illi infatti permezz ta' l-**Avviz Legali Nru 114 ta' l-1994** il-Ministru koncernat stabilixxa d-data tad-19 ta' Settembru 1994 bhala d-data meta d-dispozizzjonijiet <u>kollha</u> ta' l-imsemmi Att ghandhom jibdew isehhu.

Illi minn dawn id-dispozizzjonijiet isegwi li ladarba l-*offshore company* giet konvertita ghal kumpannija privata dan ifisser li l-merkanzija u l-proprjeta' in kwistjoni giet effetivament trasferita lill-persuna legali residenti Malta b'dan li l-oggetti hekk importati originarjament bl-ezenzjoni msemmija llum jappartjenu lil persuna residenti f'Malta, b'mod li sehh trasferiment tal-istess proprjeta' lill-persuna hekk residenti u b'hekk jidhol *in vigore* l-*proviso* tal-**artikolu 33 (2)** imsemmi.

Illi dan qed jinghad ukoll ghaliex il-kumpanija hekk registrata u llum proprjetarja tal-istess oggetti hija persuna guridika u legali u b'personalita' guridika proprja. Ghalhekk jidher car li l-*proviso* ta' **l-artikolu 33(2)** huwa applikabbli ghall-kaz in kwistjoni.

Illi fl-affidavit tieghu **Saviour Grima** spjega ezattament x'tip ta' taxxa hi dovuta. Huwa spjega kif id-Dwana hadmet kemm taxxa kienet dovuta fuq id-*depreciated values* tal-importazzjonijiet li kienu saru. Huwa qal li dak iz-zmien kien hemm dovuti dazju, VAT u *levy* u dan bil-mod kif gej :-

*"1. Kumpannija offshore ma tkunx ezentata mill-VAT. Allura l-kumpannija RS/2 hallset il-VAT dovuta diga', ghal dawk l-importazzjonijiet li saru wara d-dhul tat-taxxa tal-VAT.*

*2. Il-merkanzija kollha li kienet gejja mill-Ewropa kienet mehlusa mill-hlas tad-dazju, fil-kazi fejn ikun prodott certifikat li juri l-post tal-manifattura tal-prodott.*

*3. Il-hlas dovut wara li l-kumpannija tilfet l-ezenzjoni taghha kien jikkonsisti f'levy fuq l-ghamara u VAT fuq il-levy, kif ukoll dazju fuq l-oggetti m'humiex manifatturati fl-Ewropa, u VAT fuq id-dazju".*

Illi taht dan l-aspett l-ammont reklamat mill-intimat ma gie bl-ebda mod kontradett b'xi provi mill-istess socjeta' rikorrenti u kwindi abbazi ta' dak li ntqal precedentement cjoe' li l-*proviso* ta' l-**artikolu 33(2)** hu applikabbli, jirrizulta li l-ammont rikjest mill-intimat huwa fil-fatt dovut, u jista' jinghad ukoll li allura l-ammont mitlub permezz ta' l-ittra ufficjali datata 14 ta' Settembru 2001 mill-Kontrollur tad-Dwana, bhala ammont u kalkolazzjoni ma huwiex lanqas kontestat f'din il-procedura.

Illi rigward it-tieni raguni moghtija fir-rikors li l-ammont reklamat mhux dovut peress li l-importazzjoni tal-oggetti in kwistjoni saru minn persuna jew persuni li ma kienux la awtorizzati jirrapprezentaw lis-socjeta' attrici, u anzi saru b'mod frawdolenti minghajr il-konoxxenza, u ghad-detriment ta' l-istess kumpanija, din ma tistax tintlaqa' *stante* li l-allegazzjoni tar-rikorrenti ma giet bl-ebda mod sostanzjata u wisq anqas ippruvata.

Illi fil-fatt jirrizulta li d-dokumenti pprezentati lilu ghall-importazzjoni tal-merkanzija in kwistjoni kienu kollha jgibu l-isem tas-socjeta' RS2 International (Malta) Limited u maghmula ghan-nom tal-istess socjeta'. Dan jirrizulta b'mod car mid-dokumenti ezebiti mill-istess intimat (*vide* Dok "SG 2" a fol. 109 sa 111 tal-process). Apparti dan kollu jirrizulta mill-*Memorandum & Articles of Association* esebiti fil-process u anke mix-xhieda ta' Lorraine Mifsud, rapprezentanta tal-Malta Financial Services Centre li fl-1993 sakemm inbidlet ma kien hemm l-ebda klawsola li tipprovdi ghal rapprezentanza. Illi dan apparti l-fatt li kif qal tajjeb il-Kontrollur tad-Dwana fir-risposta tieghu, huwa estraneju ghall-pendenza odjerna min ghandu r-rapprezentanza tal-kumpannija ghax din hi kwistjoni li hija *res inter alios acta* ghalih.

Illi ghar-ragunijiet fuq imsemmija r-rikors tas-socjeta' rikorrenti ghandu jigi michud *stante* li huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt.

<u>**V. KONKLUZJONI.**</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' r-risposta tal-Kontrollur tad-Dwana **tichad ir-rikors tas-socjeta' rikorrenti datat 3 ta' Ottubru 2001** *stante* li huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt.

Bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta' rikorrenti RS2 International (Malta) Limited.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------